**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**MINUTI** numru **38**

Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru, 2021

**Laqgħa Annwali tal-Lokalita**

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar żamm din il-laqgħa pubblika fil- AX Hotels, fis-Sala Luzzu fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar fil-10am.

Kunsilliera Preżenti fis-sala:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Kunsilliera Preżenti Online:

- Graziella Galea Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

Assenti b'apoloġiji skont Ordni Permanenti 14A (3):

- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Stephen Cremona Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier

Membri tal-Pubbliku Prezenti fis-sala u online

- Mistednin residenti mill-lokalita`
- Accountant tal-Kunsill: Sinj.Romina Perici Ferrante
- Awtur tal-Ktieb "San Pawl il-Baħar u Triqatu":Is- Sur Keith Muscat

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Il-Laqgħa infetħet mis-Sindku Alfred Grima fid-10:12am miħabba li kien hemm problemi tekniċi.

## 38.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11/4/2021

Is-Sindku Alfred Grima qara l-minuti tal-laqgħa preċidenti u staqsa jekk hemmx xi korrezjonijiet.

Il-Kunsillier Daryl Connor ressaq korrezzjoni ta'minuti fl-ewwel paġna fejn ippropona li tiddaħħal il-kelma "Kunsillier" minflok il-kliem "Viċi Sindku" Il-korrezjoni giet approvata.

Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-minuti laqgħa annwali li saret fi-4 ta' April, 2021
Is-sekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Alfred Bray.
Il-minuti ġew approvati nem com.

## 38.2 Preżentazzjoni ta' l-estimi finanzjarji għas-sena 2022

### Introduzzjoni

Is-Sindku Alfred Grima beda billi rringrazzja lil dawk preżenti filwaqt li skuża ruħu għaliex il-laqgħa bdiet ftit wara 10am (10:13) minħabba problemi tekniċi online. Sellem lill-kunsilliera u membri tal-pubbliku li attendew għall-laqgħa fis-sala u b'mod virtwali.

Bi preparamenti għal din il-laqgħa, il-kunsill bagħt mat-12,700 ittra li tqassmu bl-idejn f'kull residenza madwar il-lokalita kollha, kif ukoll li saru diversi avviżi fuq il-midja. Sbatax (17) residenti applikaw mal-kunsill biex jipparteċipaw f'din il-laqgħa għalkemm tlieta biss daħlu online u ta' dan intwera l-apprezzament tal-kunsill.

Is-Sindku tenna li tmiem is-sena 2021 tfisser li ġiet fi tmiemha l-ewwel nofs ta' leġiżlatura li tintemm fl-31 ta' Ġunju 2024. Stqarr, li għalkemm id-dinja għada qed tipprova tirkupra ftit minn l-akbar pandemija fl-istorja tal-bniedem, xorta waħda jemmen li l-lokalita ta' San Pawl il-Baħar għamlet passi il-quddiem f'din il-leġiżlatura.

Is-Sindku semma li:

- r-rapport ta' l-Awdituri għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020, juri titjib pożittiv sostanzjali f'dak li għandu x'jaqsam ma amministrazzjoni tal-kunsill.
- l-kunsill imbarka fuq proġett estensiv ta' rinovazzjoni tal-latrini ta' ħdejn il-moll ta' Buġibba, ta' Ta Fra Ben u ta' taħt il-Pjazza, biex illum il-lokalita għandha 3 mill-aqwa latrini pubbliċi fil-pajjiż.
- Dwar il-latrina pubblika li tinsab fi Triq San Ġelardu x-xogħolijiet mistennija baqaw qatt ma setaw jinbdew b' konsegwenza tal-proġett tal-pitch ta' waterpolo.

- Il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Ġnien il-Millenju li tħabbar fl-aħħar laqgħa annwali ta' April 2020, il-kunsill ibbenifika minn 22,000 euro fondi tal-LESA. Ix-xogħolijiet imxew il-quddiem u li mhux minħabba n-nuqqas ta' materja prima, kieku dan il-proġett kien ikun prattikament lest ukoll.

- Sar investiment konsiderevoli f'dawl ta' toroq ġodda fosthom fi Triq it-Tamar, Turisti, Port Ruman, Klamari u Triq il-Kaħli. B'rispett lejn l-ambjent, inbidel id-dawl ta' l-uffiċju amministrattiv minn tubi komuni għal dawk LED's.

- Bl-iffirmar ta' ftehim bejn il-kunsill lokali u l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità l-kunsill beda jibbenifika għall-ewwel darba minn €16,000 fis-sena biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż konnessi mat-trasport ta' l-anzjani. Ġew installati diversi CCTV's madwar il-lokalita biex jgħinu fiż-żamma ta' l-indafa.

- Fis-sena 2022, il-kunsill se jiffoka primarjament fuq bini mill-ġdid ta' spazji miftuħa għar-rikreazzjoni ta'Ġnien Joseph.P.Caruana, li jinsab fi Triq Cassarino kantuniera ma Triq it-Turisti, Qawra, kif ukoll il-bandli ta' Burmarrad it-tranġar ta' bankini madwar il-lokalita issa li ġiet impjegata persuna għal dan il-għan u ġie aġġudikat ukoll tender ġdid.

Għalaq l-introduzzjoni billi rringrazzja lill-kollegi Kunsilliera, lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema tal-kunsill inkluż il-kuntratturi u mhux l-anqas lir-residenti.

Awgura mill-qalb għal jiem ta' festi mill-aqwa.

Is-Sinj. Romina Perici Ferrante li hi l-Accountant tal-Kunsill ippreżentat l-estimi finanzjarji għas-Sena 2022 fejn infurmat li l-kunsill jeħtieġ li jwarrab 10% ta' l-allokazzjoni finanzjarja. (Ara Dok A).

Il-kunsilliera Graziella Galea staqsiet lill-Accountant dwar :

a) Kemm huwa stmat li jkun it-total ta' finanzi fil-bank sa l-aħħar tas-sena 2021 u 2022 ?

Risposta: Fis-sena 2021 huwa pprogettat li jkun hemm €2,150,000 u fis-sena 2022 €803,549. Infurmat ukoll, li l-liġi finanzjarja tiddetta li kunsill lokali jkollu riserva ta mhux inqas minn 10%.

b) X'inhi il-pożizzjoni netta tal-kunsill u jekk din tinkludix ic-ċekkijiet li diġa nħarrgu?

Risposta: Il-Financial Situation Indicator ghall-ahhar tas-sena 2021 hu progettat li jkun 113.74% u ghall-ahhar tas-sena 2022 hu progettat li jkun 29.69%.

## 38.3 Prezentazzjoni tal-Ktieb 'San Pawl il-Baħar u Triqatu'

Is-Sindku ntroduċa mal-pubbliku l-ktieb "San Pawl il-Baħar u Triqatu" li ġie ppubblikat b'kollaborazzjoni bejn is-Sur Keith Muscat, l-awtur tal-ktieb u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Filwaqt li stieden lis-Sur Keith Muscat jelabora aktar dwar il-ktieb, f'isem il-kunsill is-Sindku rringrazzjaħ għar-riċerka tiegħu.

Is-Sur Keith Muscat qal li l-ktieb huwa dwar l-ismijiet tat-toroq ġewwa SPB u l-għan ewlieni tiegħu u li jwassal tagħrif ħafif dwar ir-raħal fejn twieled u għex għal snin sħaħ.

## 38.4 Interventi mill- Pubbliku Prezenti

Il-pubbliku ġie mistieden biex jagħmel l-interventi tiegħu.

38.4.1 Is-Sinj. Rita [redacted] ressqet rikjesta:

a) Għal Dog litter bin fi Triq is-Sajjied kantuniera ma Triq Wignacourt fejn is-substation.

Risposta: Sindku wieġeb li dan qiegħed fil-pjan li jitwaħħal.

b) Staqsit jekk hux possibbli li l-belisha lights fi Triq il-Wileġ titressaq aktar il-barra?

Risposta: Sindku wieġeb li l-Awtoritajiet kompetenti ma kienux aċċettaw rikjesta simili li saret snin ilu minħabba s-sigurta tal-persuna.

38.4.2 Is-Sinj. Theresa [redacted] pproponit:

a) Li jsir Sports Centre għaz-zgħazagħ.

Risposta: Is-Sindku nforma li l-kunsill huwa favur faċilitajiet simili fejn tul is-snin tressqu diversi proposti lill-Awtoritajiet konċernati.

b) Marki fl-art ta' kareġġjatura li jigwidaw lis-sewwieqa fejn ir-round ta' l-Erba Imwieżeb.

Risposta: Sindku wieġeb li l-kunsill se jkun qed rresaq is-suġġeriment lil Transport Malta.

c) Iktar attivitajiet għal anzjani

Risposta: Sindku wieġeb li kunsill ħa nota tas-suġġeriment.

d) Li jkun hemm post aktar ċentrali biex wieħed jinqeda.

Risposta: Sindku informa li fi żmien preċidenti l-kunsill kellu uffiċċju Buġibba qrib il-pjazza fejn ma kienx iffrekwentat daqs kemm wieħed xtaq.

38.4.3 Is-Sinj. Pauline [redacted]

a) Semmiet il-ħtieġa għal iktar Open Spaces u Parks.

Risposta: Sindku qal li bil-proġett Green Infrastruture l-lokalita ta' San Pawl il-Baħar se tibbenefika minn fondi tal-Gal Majjistral b'valur ta' 54,000 euro. Bhekk dan il-kunsill se jkompli jsaħħaħ dak li sar qabel billi 22 sit se jingħataw dehra isbaħ.

b) Qalet li l-skate boarding ġie meqjus sport olimpiku .

Risposta: Is-Sindku nforma li scate boarders ma qablux dwar sit li ġie ddentifikat u mhux faċli li tinstab art.

c) Ipproponit Dogs Park fil-Melita Gardens

Risposta: Sindku wieġeb li post indikat jaqa taħt ir-risponsabilita tal-PARKS mhux tal-kunsill. Informa li l-kunsill identifika sit fejn l-Erbgħa Mwieżeb.

d) Jiżdiedu l-istaff tal-kunsill
Risposta: Sindku wieġeb li minn żmien għal żmien il-kunsill joħroġ diversi sejħit.

38.4.4 Is-Sinj. Carmen [redacted]:
a) Semmiet il-ħtieġa għal Klinika tas-Saħħa.
Risposta: Sindku qal li hu nfurmat li fil-preżent qed jitħejja pjan biex jinbena Health Hub ġewwa il-Qawra.

b) Bżonn ta' parkeġġ riservat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fi Triq il-Mistrieħ u li ssir rampa għal knisja ta' San Pawl il-Baħar.
Risposta: Is-Sindku nforma li l-kunsill ilu xhur li approva r-rampa. Dwar parkeġġi riservati għall-persuni bi bżonnijiet speċjali jeħtieġ li ssir rikjesta lill Transport Malta.

38.4.5 Is-Sinj. Josephine [redacted] ipproponiet,
a) Li jiżdiedu dustbins fejn Bulebell u Ta' Fra Ben u li s-sellum tal-baħar fl-inħawi jitħalla fix-Xitwa ukoll
Risposta: Is-Sindku nforma li diversi drabi ma jkunx possibbli li jitħallew slilen tal-baħar fix-Xitwa minħabba l-elementi. Minn naħa tal-kunsill se jressaq ir-rikjesti lill-Entita risponsabbli.

c) Aktar dawl fi Triq it-Trunċiera
Risposta: Sindku wieġeb li l-kunsill ħa nota tal-proposta biex possibilment jiżdied id-dawl fl-inħawi.

38.4.6 Is-Sinj. Isabelle [redacted]
Innutat b'sodisfazzjon ir-risposta li jnagħtat dwar il-health centre. Staqsiet dwar:

a) Neighbourhood watch u l-bzonn ta iktar infurzar dwar skart u anke fuq ir-Riċiklaġġ.
Risposta: Sindku wieġeb li n-Neighbourhood watch kien parti mid-diskussjoni ta' laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita u l-istess jista jingħad għal aktar infurzar ta' liġijiet. Qal li hu nfurmat li l-kunċett ta' Pulizija tal-Komunita għadu ma nbedix f'San Pawl il-Baħar minħabba nuqqas ta' rikkluti.

b) Tixtieq li jkun hemm Easter Monday Parades u jerga' jkun hemm s-Sotto Kumitat tat-Turizmu.
Risposta: Sindku wieġeb li l-ħsieb huwa li l-kunsillieri risponsabbli mill-kummerċ u n-negozji Alfred Bray li kien preżenti waqt il-laqgħa jorganizza sensila ta' laqgħat.

38.4.7 Is-Sur. Paul [redacted] semma:

a) Bankini b'arbli fin nofs u nuqqas ta' rampi li huma ta' ostakolu għall-persuna b'wheelchair.
Risposta: Is-Sindku nforma li l-kunsill għadu kif impjega persuna li bdit tindirizza l-problema ta' nuqqas ta' rampi.

b) Il-parkegg ta' l-iskola tal-Qawra mhux aċċessibbli għall-pubbliku.
Risposta: Is-Sindku qal li minn naħa tal-kunsill saru diversi tentattivi biex il-parkeġġ jinfetaħ.

c) Installazzjoni ta' CCTVs' għal aktar sigurta.
Risposta: Is-Sindku nforma li l-kunsill diġa waħħal diversi CCTV's u l-programm se jitkompla.

38.4.8 Rosario [redacted]

a) Qal li hu joqgħod Triq Port Ruman u segwa sensiela ta' illegalitajiet u abbużi. Ressaq rikjesta biex il-kunsill jgħalaq l-aċċess fl-akkwati ta ex-TeleMalta u li jsir sorveljanza akbar mill-pulizija.

Risposta: Is-Sindku qal li l-ilment mressaq se jagħddi għand l-Awtoritajiet konċernati. Issuġġerixxa, biex possibilment każi simili jiġu rrapurtati mmedjatament u bhekk jiġi aċċessat il-filmat tac-CCTV installata fl-inħawi.

38.4.9 Is-Sur. Frans [redacted] illmenta li Triq Isuord ila bla bozza diversi xhur.
Risposta: Is-Sindku filwaqt li rrikonoxxa dan il-fatt qal li ħadd mir-residenti ma ried bozza mal-faċċata u l-fatt li l-bankina dejqa ma jagħmiliex possibbli li jitwaħħal arblu.

Is-Sur. Frans nforma li hu lest jaċċetta li bozza titwaħħal mall-binja ta' familjari tiegħu.

38.4.10 Il-kunsilliera Graziella Galea staqsiet jekk triq il-Kaħli hijiex se ssir?
Risposta: Sindku wieġeb fl-affermattiv, fejn it-triq Kahli se tkun qed ssir minn TM fil-bidu tas-sena l-ġdida.

## 38.5 Tmiem tal-laqgħa – 12am

Is-Sindku Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li lista ta' min attenda se tinżamm bħala mizura tas-saħħa pubblika minħabba il- Covid-19. Irringrazzja lill-kollegi Kunsilliera, lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema tal-kunsill inkluż il-kuntratturi kif ukoll lir-residenti. Awgura l-isbaħ xewqat għal jiem ta' festi.

| FFIRMATA | FFIRMATA |
|---|---|
| Alfred Grima | Elke Sghendo |
| Sindku | Aġent Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Dok A

# Estimi finanzjarji

# għas-Sena 2022

Sindku - *Mayor*: Alfred Grima
Viċi Sindku - *Vice Mayor*: Carlos Zarb
Kunsilliera - *Councillors* : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – *Acting Deputy Executive Secretary*: Elke Sghendo